XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 448***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 76***
***Il-Ġimgħa 16 ta' Novembru 2012 fis-6:00pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:00pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier 6:45p.m.*

*Joseph Vella u Marthese Portelli skuzati*

-------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqgħalet it-Talba.*

1. **Minuti 446**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 447 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

2. **Offerti**

   i. Offerta ta' twaqqigħ u bini mill-ġdid ta' Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista
   ii. Offerta għal proviment ta' Sigurta' u saħħa fuq ix-xogħol waqt il-bini tal-Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista.
   iii. Offerta għal bini ta' ħajt tas-sejjieħ fil-Ġnien ta' Blankas.
   iv. Offerta għall-instalazzjoni ta' servizzi mekkanici u elettrici fil-bini tal-Latrina Pubblika fi Pjazza San Ġwann Battista.

   Is-Sindku iddikjarat li għandha interess pekunjarju fi tlett tenders i, ii, iii, u peress li kien hemm zewg kunsilliera oħra biss il-Kunsill ma setax jiehu decizjoni fuq l-offerti. Ghalhekk id-decizjoni ta' l-offerti kollha ser titieħed fil-laqgħa li jmiss.

3. **Villagg tal-Milied**
Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li minflokk hames gimghat il-Villagg tal-Milied ser issir fuq tlett gimghat. Id-data tal-ftuh tal-Villagg tal-Milied ser tkun mis-7 ta' Dicembru sat-23 ta' Dicembru fil-weekends. Is-Segretarja ghandha tigbor il-kwotazzjonijiet ghall-tinda.

4. **Gieh ix-Xewkija**
Infethu in-nominazzjonijiet ta' Premju Gieh ix-Xewkija il-Kunsill irċieva 8 nominazzjonijiet. B'kollox ġew nominati sitt persuni. Dawn huma Simon Dingli u Joseph Vella li gew nominati flimkien minn Stefan Bugeja ta' Radju Prekursur, Jeffrey Farrugia li gie innominat min Frans Galea, Joseph Pace li gie innominat min l-Arcipriet Carmel Mercieca, Il-Klabb tax-Xewkija Tigers li gie nominat minn Joseph Dingli u Joseph Attard, kif ukoll Mariano Pace li kellu erba' nomini u gie innominat minn diversi persuni li huma Francis Farrugia, John Vella, Darren Pace, u Frankie Grima f'isem il-kumitat Zghazagh Xewkin. Wara li saret il-votazzjoni r-rebbieh hu Mariano Pace.

5 **Jum ix-Xewkija 2012**
Il-Kunsill ircieva stima tal-kiri tas-sala ta' l-Ufficcju Parrokkjali bi prezz ta' 140euro u s-sound 75euro. Il-Kunsill iddeccieda li s-serata ghanda issir fic-Centru Parrokjali.

6. **Tizjien tal-Milied 2012**
Il-Kunsill iddeccieda li ghandu jerga' izejjen il-Pjazza bit-tizjin tal-Milied u jinbidlu id-dekorazzjonijiet minn tas-sena l-ohra.

7. **Kumitat Zghazagh Xewkin**
Kienu prezenti Joseph Vella, Joseph Hili, Frankie Grima u Johnny Azzopardi. Dawn qalu lill-Kunsill li interessati jaghmlu umbrella kbira ghal Marc tal-festa tal-Hadd fil-ghodu u l-Marc tal-Hamis li jibda min Triq San Bert. Huma qalu lil Kunsill li jixtiequ jaghmlu toqba fil-Pjazza San Gwann Battista li tibqa' hemm min sena ghal ohra biex titpogga l-umbrella go fiha u tinghalaq b'tappiera matul il-granet l-ohra. Huma kienu talbu l-ghajnuna lill-Kunsill li qabel li jgħinhom rigward il-permess tal-MEPA biex isir t-toqba. Kien hemm prezenti ukoll il Perit Saliba li qal li qabel issir se jaghmel pjanta u jara din hux possibli issir peress li t-toqba trid tkun kbira u jista ikun hemm dawl moghddi taht l-art ukoll. Il-Kumitat ghandu jergghu jiltaqghu mal-Perit. Il-Kunsill għandu jinzamm infurmat miz-zewg naħat dwar din it-talba.

8. **Country Walks f'Imgarr ix-Xini**
Kien Prezenti David Paterson li qal li jixtieq johrog publikazzjoni ta' leaflet bil-country walks ta' Mgarr ix-Xini. Hu qed jitlob lill-Kunsill 200euro u jiehu jsieb johrog 10,000 kopja u jaghti 2,000 kopja lill-kunsill. Hu issugerixxa ukoll li ghandha issir Rope bridge fil-Wied ta' Mgarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel li jsir il-leaflet. Fuq ir-rope bridge il-Kunsill talab lil David Paterson igib aktar informazzjoni.

9. **Triq San Bert**

Il-Kunsill qed jircievi hafna ilmenti fuq din it-triq l-aktar meta tkun ghamlet ix-xita. Il-Kunsill qabel li mhux sew titranga min naha tal-Kunsill meta l-hsarat saru minhabba d-diversion tat-TM, u dan minhabba l-ispiza nvoluta. Il-Kunsill qabel li ghandu iqabbad Avukat u jittiehdu passi legali fuq TM.

**10. Vacation leave tas-Segretarja Ezekuttiva**

Is-Segretarja avzat lil Kunsill li hi ghada ma bdietx tiehu l-vacation leave tas-sena 2012 li huma 192 siegha peress li dejjem kien hemm ix-xoghol il-Kunsill. Is-Segretarja avzat ukoll lil Kunsill li hi baqgħala pendenti ukoll sighat min tas-sena 2011 peress li ma lahqetx hadet il-leave. Il-Kunsill qabel li l-leave tas-sena 2012 ghandu jigi akkumulat ghas-sena 2013 u tiehu s-sighat li baqgħala pendenti mis-sena 2011 f'Dicembru 2012.

**11. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**

**Mill-Korrispondenza**

i. Memo 41/2012 PQ 37719 dwar xogholijiet fuq Toroq.

ii. Memo 40/2012 dwar Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsibbilita' ta' Librerija Lokali. Il-Kunsill iddecieda li ghandu japplika ghal din l-iskema.

iii. Memo 36/2012 dwar is-Sehem tal-Kunsilli Lokali fl-Istrategija Ewropa 2020.

iv. Memo 114/2010 dwar linji Gwidi dwar Zbir ta' Sigar

v. Memo 39/2012 dwar Servizzi ta' Contracts Manager u ta' Perit.

vi. Memo 42/2012 dwar ir-Responsabbilitajiet ta' Segretarju Ezekuttiv.

vii. Memo 25/1999 dwar Devoluzzjoni lokali.

viii. Accessibility audit report minghand il-KNPD dwar il-Latrina Pubblika fi Gnien ta' Blankas. Is-Segretarja ser taghddi dan ir-rapport lil Perit.

ix. E mail minghand ANSEK dwar l-hdax-il kungress tal-UDITE li se jsir fit-23 u l-24 ta' Novembru gewwa Cadiz fi Spanja ghas-Segretarji Ezekuttivi.

x. E mail minghand Chairman tal-Malta Libraries' Council rigward Libraries' Day li ser tkun fil-5 ta' Dicembru.

xi. Ittra minghand Moviment Kerygma dwar Premju Zaghzugh 2012.

xii. E mail minghand il-Monitoring officer tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Kummenti tal-kunsill fuq l-ittra mibghuta minghand is-socjeta Filarmonika Prekursur. Is-Segretarja bghatet kopja tal-minuti u d-decizzjoni tal-Kunsill.

xiii. Ittra mingħand KNPD dwar gimgha tal-Persuni b'dizabilita mit-3 sal-10 ta' Dicembru 2012.

xiv. Kwotazzjoni minghand Johanna Caruana rigward adjustments u posting ta' l-accounts bi prezz ta' 700 euro. Il-Kunsill iddecida li ghandu jsir dan ix-xoghol biex l-Accounts ikun updated.

xv. E-mail minghand il-Perit Ray G Aguis rigward Triq Vjal il-Labour. Din l-ittra giet mibghuta ukoll lit-TM peress li ma taqax taht iz-zona tal-Kunsill.

**12. Ilmenti u Suġġerimenti**

i. Ilment mingħand John Bezzina biex issir iz-zrar fi Triq Rotonda. Peress li din it-Triq hija privata l-Kunsill ma jistax jaghmel xogholijiet fiha.

ii. Ilment minghand Charlie Azzopardi rigward bankina miksura fi Triq l-Gharus. Din għandha ssir mill-kuntrattur tat-triq peress li nkisret waqt li kienet qed issir it-triq.

iii. Suggeriment minghand Charlie Attard biex isiru l-fjakkli fuq il-Knisja ghal Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill ma qabilx.

iv. Suggeriment Annominu minghand mara Anzjana biex il-Kunsill jipprovdi trasport għall-anzjani għall-quddiesa l-Ħadd filgħodu. Il-Kunsill iddecieda li ghandu johrog applikazzjoni god-djar biex naraw x'konkorenza jkun hemm u din issir.

v. Ilment minghand Jacqueline Refalo rigward li habtet mal-barrier li hemm fi Triq Il-Hamrija. Il-Kunsill qal li hu ma ghandux ihallas l-ispejjez peress li ma ghandux x'jaqsam mal-barriers.

vi. Suggeriment minghand l-Assistant Principal ghal aktar xkaffar fl-ufficcju ghal filing. Il-Kunsill iddeccieda li ghandu jinxtara aktar xkaffar.

vii. Is-Sindku infurmat lil Kunsill li xi hmistax qabel kienet cemplitila l-Assisant Principal u kienet infurmata li waqqet il-monitor fl-art u kien inkisser u staqsitha x'ha taghmel. Is-Sindku kienet qaltilha tibghatu ghat-tiswija. Wara xi jumejn l-Assistant Principal kienet infurmata li l-monitor ma kienx jissewwa u ghalhekk kellu jinxtara iehor. Is-Sindku infurmat lil Kunsill li biex ma jieqafx ix-xoghol inxtara monitor gdid.

**13. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fl-11:00 p.m.

Sue-Ellen Bugeja — Dr Monica Vella

Segretarju Eżekuttiv — Sindku